

# Kuntatt

## mal-iskola t'ibnek

JANNAR -APRIL 2014

## MESSAĠĠ MILL-KAP TAL-ISKOLA

**X'INTI TAGĦMEL IBNI?**

Għeżież ġenituri,

L-attivitajiet kollha li torganizza l-iskola jsiru biex kull student mhux talli jinvolvi ruħu billi jipparteċipa iżda wkoll biex jimmatura. Kemm hu importanti li kull student jifhem li meta jikkommetti ruħu għal xi attività jifhem, li hu jkun ta l-kelma tiegħu li ser jidħol għal dik l-attività b'ruħu u ġismu. Il-kelma li jkun ta l-istudent tkun tfisser li hu jkun ser jimpenja ruħu u ser jagħmel l-almu tiegħu. B'hekk jakkwista dawk il-ħiliet kollha li dik l-attività li jkun għażel toffri. Il-ħiliet jinkisbu b'sagrifċċju u l-istudent irid jitgħallem li biex takkwista xi ħaġa trid taħdem għaliha. Xejn ma jiġi waħdu.

Fil-ħdax ta' Frar għandhom jibdew l-eżamijiet ta' Nofs is-Sena. It-*timetable* tal-eżamijiet ilha li ħarġet fuq in-*notice board* żmien. Dawk l-istudenti serji u maturi kollha marru jittawlu u ħadu nota sabiex jippjanaw l-istudju tagħhom sew. Wieħed jista' jgħid li dawn l-istudenti kienu minn tal-ewwel li kkommettew ruħhom biex jimpenjaw ruħhom b'għaqal u serjetà. Dawn l-istudenti għarfu li ż-żmien daħal sew u jridu jibdew jistudjaw u jirsistu ħalli ma jħallux kollox għall-aħħar. Dawn fehmu li suċċess fl-eżamijiet jkun ifisser suċċess fil-ħajja 'l quddiem.




Hawn nixtieq nagħmel appell lil dawk l-istudenti li għadhom ma ntebħux jew li għal xi raġuni jew oħra għadhom ma rrealizzawx bl-importanza tal-edukazzjoni u li biex takkwista xi ħaġa trid tinteressa u timpenja ruħek bis-serjetà. Riżultati tajbin ma jiġux billi toqgħod issabbat

*...ikompli fuq paġna 3*



**Kulleġġ San Benedittu, Sekondarja Subien**
*Sħaħ fl-ispirtu u fil-ħidma*
☎ 21642427 🖷 21642423
✉ sbc.kirkop.bs@gov.mt
💻 http://www.kulleggsanbenedittubs.com

# EDITORJAL

**L-Eżamijiet**

Ix-xahar ta' Frar ifakkarna fil-Karnival, li għal ħafna hu żmien ta' divertiment. Lill-istudenti dan ix-xahar ifakkarhom fl-eżamijiet, żmien li jitlob ħafna sagrifiċċji.

Kemm mill-iskola u kif ukoll mid-dar, l-istudenti jkunu mħeġġa biex jieħdu l-istudju bis-serjetà. Minħabba f'hekk, l-istudenti jistgħu jħossu ħafna pressjoni fuqhom. Dan jiġri għax ma jifhmux li l-iskop tal-eżamijiet hu biex jitfa' dawl fuq kif sejrin fis-suġġetti: dak li sejjer tajjeb irid jinżamm u dak li sejjer ħażin irid jitranġa.

Biex student imur tajjeb fl-eżamijiet għandu bżonn jippjana minn qabel meta se jistudja kull suġġett u anki x'se jistudja. L-istudju m'għandux jitħalla għal-lejlet l-eżami. Dan għaliex jekk l-istudent, waqt li jkun qed jistudja, jiltaqa' ma' xi diffikultà, ikollu ċans jistaqsi lill-għalliema tiegħu u jiċċaraha. Jekk ikun qagħad attent waqt il-lezzjoni u għamel ix-xogħol li ngħatalu, l-istudent għandu jsibha aktar faċli biex jirrevedi. Biex l-istudju jħalli r-riżultat mixtieq, wieħed għandu jkun matur u jneħħi minn ħdejh dak kollu li jista' jtellfu milli jikkonċentra. Jaf jiswa ta' ġid jekk minn ħin għall-ieħor l-istudent jieqaf ftit mill-istudju. M'hemmx sistema waħda ta' kif wieħed jistudja. Kulħadd irid isib l-aktar sistema li tgħodd għalih. Għajnuna kbira li tgħin lill-istudenti waqt l-istudju hi li jaħdmu l-*pastpapers*. Dawn jistgħu jitniżżlu mill-websajt tal-iskola [www.kulleġġsanbenedittubs.com](www.kulleġġsanbenedittubs.com). F'każ ta' xi diffikultà biex iniżżel dawn il-karti, wieħed jista' jkellem lill-għalliema tal-ICT.

Hemm xi affarijiet li, għalkemm huma bażiċi, kultant l-istudenti ma jagħtux kashom. Fost l-oħrajn, trid tkun taf liema hu l-eżami li għandek f'dik il-ġurnata partikolari, il-klassi li trid tmur fiha u xi trid tieħu miegħek għal dak l-eżami. Hu importanti li timla l-karta kollha. Tagħmel tajjeb li tieħu arloġġ biex tqassam il-ħin tajjeb. Taħlix ħin fuq dak li ma tkunx taf twieġeb. Ħallih għall-aħħar u mbagħad prova wieġeb mill-aħjar li tista', imma mhux tikteb il-ħmerijiet. Jekk tkun lest qabel ma jkun għadda l-ħin tal-eżami tagħmel tajjeb li tiċċekkja sew dak li tkun għamilt.

Qawl Malti jgħid,"Dak li tiżra' taħsad." Dan ifisser li l-għażla li tagħmel taffettwa r-riżultat. Jekk tkun għażilt li tipprepara ruħek sew għall-eżamijiet, hemm aktar ċans li jkollok riżultati tajbin, tirrealizza li s-sagrifiċċji li għamilt taw il-frott tagħhom u tħossok sodisfatt. Awguri!

Is-Sa C.Tanti
Għalliema



# ID-DISCOVERY WEEK U L-LINGWA TALJANA

Nhar it-Tlieta t-12 ta'Novembru 2013, grupp ta' studenti tat-Tieni Sena li jistudjaw il-lingwa Taljana, flimkien ma' żewġ għalliema tagħhom, marru l-Università sabiex jipparteċipaw f'attività mtellgħa mill-Fakultà tal-Edukazzjoni fl-okkażjoni tad-Discovery Week. Flimkien mal-istudenti tal-iskola tagħna, kien hemm studenti minn ħames skejjel oħra minn Malta u Għawdex.




Kull skola ppreżentat attività li biha jista' jiġi mgħallem it-Taljan fil-klassi. L-iskola tagħna tellgħet attività interattiva fuq *powerpoint* fejn l-istudenti setgħu jiskopru permezz ta' logħob differenti s-sbuħija tal-gżira ta' Sqallija. L-istudenti tal-iskola tagħna ħadu sehem ukoll f'xi attivitajiet li pproponew skejjel oħra u spikkaw fir-risposti li taw. Fl-aħħar tal-avveniment l-iskola ġiet mogħtija sett ta' kotba bit-Taljan sabiex ikunu jistgħu jitpoġġew fil-librerija u jinqraw mill-istudenti tal-iskola tagħna.

Id-Dipartiment tat-Taljan

*...ikompli minn paġna 1*

saqajk, billi toqgħod tgħaddi n-nies biż-żmien, billi toqgħod ħin twil tiċċettja fuq il-kompjuter jew billi toqgħod titfa' kull ritratt li tieħu fuq il-Facebook. Riżultati tajba jaslu biss billi l-istudent jinteressa ruħu fl-iskola u jifhem li l-futur tiegħu qiegħed f'kemm hu kapaċi jinvolvi jew jimpenja ruħu f'kull lezzjoni u jagħmel id-doveri kollha tiegħu ta' student.




Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk il-ġenituri kollha li wieġbu l-kwestjonarju li ntbagħat mill-iskola f'isem id-Dipartiment għall-Amministrazzjoni tal-Kwalità.

Is-Sur R. Portelli
Kap tal-Iskola

# Il-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL

Nhar is-Sibt il-21 ta' Novembru aħna ġejna magħżulin sabiex nirrappreżentaw lill-iskola tagħna f'seminar fuq il-Kummissarju għat-Tfal. Forsi hemm min qiegħed jistaqsi: X'inhu l-Kummissarju għat-Tfal? Din hija persuna li taqbeż għalina t-tfal u għad-drittijiet tagħna. Attwalment il-Kummissarju għat-Tfal hija s-Sinjura Helen D'Amato, li kienet maħtura Kummissarju fl-20 ta' Mejju 2010.



Dan is-seminar ġie mtella' fl-iskola Maria Reġina tal-Mosta. Kif wasalna hemmhekk, irreġistrajna isimna u dħalna fis-sala tal-iskola. Hemm sibna lis-Sa Helen D'Amato tirrispondi l-mistoqsijiet magħmula minn kull tifel u tifla li ġew magħżulin minn Malta kollha. Wara l-mistoqsijiet bdiet il-varjetà. Kien hemm bosta kantanti bħal Craig Vella, Jade Vella u bosta oħrajn.

Wara l-kant u ċ-ċaqliq li qajmu dawn il-kantanti bravi, inqsamna fi gruppi sabiex niddiskutu x'jagħmel għalina il-Kummissarju għat-Tfal u kif nixtiequ li jkun il-Kummissarju l-ġdid meta jinbidel fl-elezzjoni li jmiss.

Kif lestejna mid-diskuzzjoni ma naqasx brejk żgħir fejn ġejna mogħtija xi ikel u xorb. Kif għaddielna l-ħin tal-brejk, morna għat-tieni parti tad-diskussjoni tagħna.



Fit-tieni parti tad-diskussjoni tagħna, tkellimna fuq kif il-Kummissarju għat-tfal jista' jgħinna bħalissa u kif jista' jgħinna fil-futur. Wara li ktibna l-punti kollha, l-għalliema li konna magħha kitbet il-punti kollha f'dokument sħiħ li mbagħad ġie mogħti lill-Prim Ministru. Kif lestejna rġajna sibna postna fis-sala u hemm kellmitna l-Ministru, is-Sa Marie Louise Coleiro Preca.

F'dan is-seminar ħadna gost ħafna għax minbarra li tgħallimna min hu u x'jagħmel il-Kummissarju għat-Tfal, stajna nsemmgħu leħinna u naqbżu għad-drittijiet tagħna.

Miguel Samuel 3.1
Kurt Schembri 3.2

# EMBED: IL-MERAVILJA TAT-TEKNOLOĠIJA

Iktar kemm jgħaddi ż-żmien, it-teknoloġija qed tkompli tidħol f'kull qasam tal-ħajja, inkluż fl-edukazzjoni u f'ħafna xogħlijiet. Fil-fatt, fil-*workshops* imtellgħa fl-EMBED, l-istudenti setgħu jieħdu idea ċara ta' teknoloġiji ġodda li jistgħu jagħmlu iktar interessanti t-tagħlim fl-iskejjel. Il-maġġoranza tal-attivitajiet kienu relatati mal-ħarsien tal-ambjent. L-ewwel grupp ta' studenti ħolqu komiks interattivi permezz ta' riżorsi mill-internet biex jippromwovu l-użu ta' enerġija sostenibbli fid-dar. Gruppi oħra fehmu aħjar x'jiġri f'*videoconferencing*, billi lagħbu l-logħba ta' *battle-ship* fuq Skype ma' grupp li kien f'parti oħra tal-bini. Għal darb'oħra l-mistoqsijiet kienu kollha relatati mar-riċiklaġġ.





F'*workshop* ieħor kellhom jipprogrammaw rowbot biex jimxi madwar il-belt u jieħu ħsieb l-użu ta' enerġija sostenibbli. L-istudenti kellhom ukoll iċ-ċans jieħdu r-ritratti u l-vidjows bl-*ipads* u joħolqu ktieb virtwali fuq il-grupp tagħhom permezz ta' programm apposta.





Dawn l-attivitajiet kienet pjuttost interessanti għall-istudenti tat-Tieni Sena għax apparti li ħadu gost, fehmu iktar l-importanza tat-teknoloġija fil-ħajja tal-lum. Aħna l-għalliema tal-Computing, min-naħa tagħna, saħħaħna l-fehma li llum il-ġurnata huwa essenzjali li jkollok għarfien tajjeb tat-teknoloġija. Għalhekk inħeġġu lill-istudenti u lil min jieħu ħsiebhom biex ma jieqfu qatt jaġġornaw ruħhom fil-qasam tal-informatika, għax taf kemm taf, dejjem hemm xi ħaġa ġdida x'tiskopri.

Is-Sa R. Farrugia
Għalliema tal-Computing



# CODE WEEK FL-MCAST

Nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru, selezzjoni ta' studenti tar-Raba' Sena li jistudjaw is-suġġett tal-Istudji tal-Kompjuter, kellhom l-opportunità li jmorru nofstanhar għall-attività Code Week li ġiet organizzata fl-Istitut tal-ICT fl-MCAST f'Raħal Ġdid.








Matul il-lezzjonijiet tal-kompjuter fl-iskola, l-istudenti diġà bdew jikkodifikaw il-programmi bil-lingwa tal-JAVA. Madanakollu, waqt din l-attività fl-MCAST, l-istudenti tagħna ngħataw il-possibbiltà li jikkodifikaw b'lingwi differenti bħal-Lego Education WeDo, bir-rowbots tal-Lego Mindstorms u bl-HTML u CSS. Fl-attività tal-Lego Education WeDo, l-istudenti pprogrammaw skrun ta' ajruplan, gowler u id robotika li tixxuttja ballun, filwaqt li fit-tieni attività pprogrammaw ir-rowbots tal-Lego NXT Mindstorms. Fit-tielet u l-aħħar attività, l-istudenti ġew introdotti għall-HTML u s-CSS. Dawn tal-aħħar jintużaw biex jagħmlu websajts fuq l-internet. L-attivitajiet li pparteċipaw fihom kienu kollha prattiċi.







Żgur li din iż-żjara qasira fl-MCAST tat togħma lill-istudenti tagħna ta' kif inhi l-ħajja ġewwa l-MCAST u forsi ħajret xi wħud minnhom biex ikomplu jistudjaw fuq din il-linja. Forsi fost dawn l-istudenti għada pitgħada jkollna xi *programmers* jew *web developers*…min jaf? Iż-żmien jagħtina parir!

Is-Sa R. Mamo u s-Sur A. Galea
Għalliema tal-Istudji tal-Kompjuter

Issa li għaddew il-festi u l-attivitajiet li l-ġranet tal-Milied iġibu magħhom, diversi nies jibdew jaħsbu fuq xi safra. Diversi jibdew iqallbu, jistaqsu jew ifittxu fuq l-internet siti ta' turiżmu biex jaraw u jiddeċiedu fejn jistgħu jsiefru. Li wieħed jivvjaġġa jimplika li ser jitlaq mill-post fejn qiegħed u li jaf tajjeb, biex imur f'post ieħor li jew ma jaf xejn fuqu jew ftit. Lil ħadd ma ssib li għall-mistoqsija "Fejn sejjer?" ser iwieġbek "Sejjer xi mkien!" donnu ma jafx fejn sejjer. Normalment inkunu nafu eżatt fejn sejrin. Ħafna jqabblu l-ħajja ma' vjaġġ li tul is-snin jintiseġ b'esperjenzi varji, għalkemm diversi drabi b'mod vag inkunu rridu nafu fejn sejrin. Li ma nkunx naf fejn sejjer tagħti sens ta' inċertezza u nuqqas ta' sigurtà u għalhekk xi daqsxejn ta' biża', ħsus li ma jħallukx kwiet. Ir-realtà tax-xogħol hi parti minn dan il-vjaġġ u għal xi wħud parti kbira u importanti. Tajjeb għalhekk li għall-inqas b'mod vag, ikollna idea ta' xi rridu nagħmlu 'l quddiem u nippreparaw ruħna għal dan il-'vjaġġ'.

B'dan l-iskop tul is-sena skolastika jiġu organizzati diversi mawriet fuq postijiet ta' xogħol bl-iskop li l-istudenti jiskopru iktar mill-qrib diversi karrieri x'jinvolvu. Matul it-Tielet u r-Raba' Sena tas-sekondarja l-istudenti jżuru postijiet ta' xogħol (barra mill-esperjenza ta' ġimgħa fuq il-post tax-xogħol li tingħata fir-Raba' Sena) fejn ikunu jistgħu jaraw karrieri differenti fejn jistaqsu u xi ftit jesperjenzaw l-ambjent ta' diversi karrieri. L-istudenti tal-Ħames Sena jżuru entitajiet fejn jistgħu jitħarrġu għal dik il-karriera mixtieqa.




Fix-xahar ta' Diċembru li għadda ġew organizzati diversi minn dawn il-mawriet. Fost dawn il-mawriet il-klassijiet tal-Ħames Sena marru l-MCAST ta' Raħal Ġdid fejn barra li ltaqgħu ma' studenti li jistudjaw hemm, raw il-klassijiet u l-faċilitajiet offruti u l-ambjent ta' istitut postsekondarju, setgħu wkoll jistaqsu lill-għalliema dwar korsijiet diversi u l-opportunitajiet li dawn il-korsijiet jiftħu. L-istudenti nqasmu fi gruppi żgħar u kull grupp kien akkumpanjat minn għalliem tal-*guidance* biex b'hekk iħossuhom iżjed komdi li jistaqsu.



*...ikompli fuq paġna 8*

*...ikompli minn paġna 7*

Fil-ġranet ta' qabel, ġie l-iskola u ltaqa' mal-istudenti kollha tal-Ħames Sena, Career Advisor mill-MCAST biex jipprepara l-istudenti għal din il-mawra u r-realtà li hemm fl-MCAST. L-istudenti raw kemm hu importanti li jkunu responsabbli u maturi għax xi ftit jew wisq, hemmhekk ma hemm ħadd jiġri warajk biex tistudja. Raw ukoll in-numru kbir ta' studenti li hemm u rriflettew kemm hemm żgħażagħ li qed ikomplu l-istudji tagħhom u għalhekk kemm żdiedet il-kompetizzjoni għax-xogħol.

L-istudenti tat-Tielet Sena ġew offruti l-opportunità li jaraw x'toffri karriera fl-armata. Il-films mhux dejjem jippreżentaw stampa korretta ta' dawn il-karrieri. Fil-*barracks* ta' Ħal Far, l-istudenti ltaqgħu ma' suldati fejn spjegawlhom x'inhu xogħolhom u x'jinvolvi xogħol fl-armata. Tawhom iċ-ċans ukoll li jipparteċipaw f'xi eżerċizzji ta' taħriġ li regolarment huma mistennija li jagħmlu. Peress li l-grupp kien żgħir, l-istudenti bnew relazzjoni ma' dawn is-suldati u kienu ħafna l-mistoqsijiet li għamlulhom. Din il-ħaġa għenet biex ikollhom idea ħafna iktar korretta u ċara ta' x'tinvolvi eżatt din il-karriera. Għalhekk, nawguraw lil kull student li għal mistoqsija 'Fejn sejjer?' ikollhom tweġiba iktar ċara minn 'Ma nafx ... xi mkien!'.

Mid-Dipartiment tal-Guidance

## TREKKING MADWAR MALTA

Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika organizza numru ta' ħarġiet bil-għan li jesponi t-*trekking* għall-istudenti mill-Ewwel sar-Raba' Sena fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Ħadu sehem 305 studenti li żaru żewġ rotot differenti. L-istudenti tal-Ewwel u t-Tieni Sena telqu minn Għajn Tuffieħa u mxew lejn il-Park tal-Majjistral u l-Manikata u spiċċaw in-naħa tar-Riviera. L-istudenti tat-Tielet u r-Raba' Sena marru fuq rotta differenti mill-Mistra sal-Mellieħa fejn anke raw mill-viċin il-Gżejjer ta' San Pawl. Din kienet esperjenza differenti ħafna minn dak li jista' jiġi offrut ġol-iskola. Permezz ta' dawn il-ħarġiet l-istudenti żaru postijiet uniċi li jħajru lit-tfal ikunu attivi fil-ħin liberu mal-familja jew mal-ħbieb.

Mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni Fiżika





# IS-SA MARGARET ABELA ŻŻUR L-ISKOLA TAGĦNA



Kien ta' pjaċir kbir għall-iskola tagħna li nhar is-26 ta' Novembru laqgħet lis-Sa Margaret Abela, mart il-President George Abela, għat-tnedija tal-kampanja tal-Piggy Banks marbuta mal-Istrina.

Dakinhar ittella' programm sempliċi u effettiv fis-sala tal-iskola sabiex jitwassal il-messaġġ dwar l-importanza li wieħed jaħseb u jgħin persuni li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet f'ħajjithom.




Studenti u għalliema tellgħu storja-ritratt dwar tifel li l-familja tiegħu kienet għaddejja minn diffikultajiet, iżda dan sab l-għajnuna ta' persuna barranija li għenitu jkompli l-istudji tiegħu u jirnexxi fil-ħajja. Kienu diversi dawk li qabżitilhom demgħa fl-aħħar ta' din l-istorja-ritratt, għax il-messaġġ sempliċi iżda qawwi tagħha laqat lil kull min kien fis-sala. Ittellgħet ukoll żifna b'messaġġ minn studenti u għalliema. Fl-aħħar tal-programm l-istudenti ppreżentaw il-karusijiet bil-flus miġbura sabiex imorru għall-Istrina.











Is-Sa Abela apprezzat ħafna l-programm li tħejja u ħeġġet lill-istudenti sabiex jibqgħu jaħsbu fl-oħrajn u jgħinu kemm jistgħu fil-kampanja L-Istrina sabiex tinġabar somma sabiħa għall-Community Chest Fund.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap

# ROKKO : THE HUMAN - ANIMAL BOND



**Rokko: The Human-Animal Bond** huwa pubblikazzjoni riċenti maħruġa mill-Iskola Sekondarja Subien ta' Ħal Kirkop u li ġie mniedi fis-sala tal-iskola nhar id-9 ta' Diċembru fil-preżenża tal-Onorevoli Ministru għall-Edukazzjoni Evarist Bartolo.



Din il-pubblikazzjoni tinkludi ġabra ta' kitbiet oriġinali b'lingwi differenti miktuba minn diversi studenti tal-iskola. Il-ġeneru tal-kitbiet ivarja minn stejjer fittizji, poeżiji, djalogi, slowgans, ħsibijiet u ħsus tal-istudenti dwar ħbiebna l-annimali. Ir-rabta bejn il-bniedem u l-annimal, kemm jekk domestiku kif ukoll jekk mhux, tinħass sew f'dawn il-kitbiet. Interessanti ħafna li wieħed jara kif iħarsu lejn l-annimali ta' madwarna l-istudenti tal-lum, li għada pitgħada se jkunu fit-tmun ta' pajjiżna. Il-ktejjeb jinkludi wkoll bosta tpinġijiet sbieħ kif ukoll ritratti tal-pets tal-istudenti nfushom li kienu ttellgħu fil-paġna Benedittu Social matul il-Ġimgħa għall-Għarfien tal-Annimali.






Inħeġġu lil kull min għandu għal qalbu l-annimali sabiex jakkwista kopja ta' dan il-ktejjeb li nħareġ ftit ġimgħat ilu. **Rokko: The Human-Animal Bond** jinbiegħ mill-iskola għall-prezz ta' €5. Il-qligħ kollu mill-bejgħ se jmur għal Richmond Foundation, sezzjoni K.I.D.S. fiż-Żejtun.

# TIME-TABLE TAL-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA - FRAR 2014

| Ġurnata | Sessjoni | L-1 Sena | It-2 Sena | It-3 Sena | Ir-4 Sena | Il-5 Sena |
|---|---|---|---|---|---|---|
| It-Tlieta 11ta' Frar 2014 | 1 | JUM TA' STUDJU | | | | ORALI |
| | 2 | | | | | |
| | 3 | | | | | |
| L-Erbgħa 12ta' Frar 2014 | 1 | Lingwi Barranin | Malti | GC / Studji Ewropej / Bijoloġija | Ingliż | Matematika |
| | 2 | Xjenza | Ġografija | Studji Soċjali *Gen.* | Reliġjon | Reliġjon |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | DT |
| Il-Ħamis 13ta' Frar 2014 | 1 | Matematika | Lingwi Barranin | Malti | GC/Studji Ewropej | Ingliż - List. Comp & Lang. |
| | 2 | Ġografija | Storja | CS/HE/Mużika | Storja *Gen./Opt.* | Studji Soċjali *Gen./Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | Ġografija *Opt.* | *CS* | Studji Ewropej |
| Il-Ġimgħa 14ta' Frar 2014 | 1 | Malti | Matematika | Lingwi Barranin | Ġografija *Gen./Opt.* | Fiżika |
| | 2 | Studju Soċjali | ICT | Reliġjon | Bijoloġija/BS | Storja *Gen./Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | DT/PE | PE |
| It-Tnejn 17ta' Frar 2014 | 1 | Ingliż | Reliġjon | Matematika | Lingwi Barranin | Malti |
| | 2 | ICT | Xjenza | Storja *Gen.* | Studji Soċjali *Gen./Opt.* | Ġografija *Gen./Opt.* |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | CS |
| It-Tlieta 18ta' Frar 2014 | 1 | HE/GC/DT/ Mużika | Ingliż | ORALI | Matematika | Taljan |
| | 2 | Reliġjon | Studji Soċjali | ORALI | Fiżika/Scientific Lit | Spanjol |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| L-Erbgħa 19ta' Frar 2014 | 1 | Storja | ORALI (Inkl. Malti BS) | Ingliż | Letteratura Ingliża | Bijoloġija/GC |
| | 2 | *M'hemmx Eżami* | ORALI | Ġografija *Gen.* | Kimika/HE | HE |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ħamis 20ta' Frar 2014 | 1 | ORALI (inkl. Malti BS) | HE/GC/DT/ Mużika | Fiżika | Malti | Letteratura Ingliża |
| | 2 | ORALI | *M'hemmx Eżami* | BS/Kimika/Studji Soċjali Opt | *ICT* | Ġermaniż |
| | 3 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |
| Il-Ġimgħa 21ta' Frar 2014 | 1 | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | ICT | ORALI | Franċiż |
| | 2 | | | DT/PE/Storja Opt. | ORALI | Kimika / BS |
| | 3 | | | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* | *M'hemmx Eżami* |

Taqsir tal-kliem - *BS (Business Studies); CS (Computer Studies); DT (Design & Technology); GC (Graphical Communication); PE (Physical Education); HE (Home Economics).*

| Frar 2014 | |
|---|---|
| 7 | Laqgħa tal-Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ |
| 10 | Vaganza Pubblika |
| 11 sal- 21 | Eżamijiet Annwali (studenti tal-5 Sena) |
| 12 sal-21 | Eżamijiet ta' Nofs is-Sena (studenti tal-1 sar-4 Sena) |
| 24 sal-21/3 | It-13-il edizzjoni tal-Malta Writing Programme għall-għalliema tal-Primarja u s-Sekondarja |
| 26 sas-16/4 | Field Placement B.Ed (Hons): It-2 Sena Primarja, it-3 Sena Sekondarja u PGCE / ECEC ir-4 Sena (Teaching Practice) |
| 28 | Sessjoni PD għall-għalliema (filgħaxija) |

| Marzu 2014 | |
|---|---|
| 3 u 4 | Vaganzi tal-Karnival |
| 3 sat-18 | Testijiet tal-PISA (studenti tal-5 Sena) |
| 5, 6 u 7 | Seminar dwar il-karriera għall-istudenti tar-4 Sena |
| 7 | Laqgħa dwar il-karriera għall-ġenituri u l-istudenti tar-4 Sena |
| 10 sal-14 | Taħdita mis-Sedqa kontra l-alkoħol għall-istudenti tal-1 Sena<br>Eżerċizzji Spiritwali (studenti tar-4 u l-5 Sena) |
| 17 | Jum Sportiv għall-istudenti tal-1 u t-2 Sena |
| 18 | SDP<br>Seminar dwar il-karriera għall-istudenti tar-4 Sena |
| 19 | Vaganza Pubblika |
| 21 | Option Fair għall-istudenti tat-2 Sena |
| 24 | Jum Sportiv għall-istudenti tat-3 u r-4 Sena |
| 26 | Jum il-Ġenituri |
| 24 sat-12/4 | TIMSS 2015 Field Trial (studenti tat-3 Sena) |
| 24 sat-28 | Eżerċizzji Spiritwali (studenti tal-1 u t-2 Sena) |
| 31 | Vaganza Pubblika |



N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

| April 2014 | |
|---|---|
| 4 | Jum iċ-Ċelebrazzjoni |
| 7 sal-11 | Job Exposure (Klassijiet 4.1, 4.2, 4.3)<br>Eżerċizzji Spiritwali (studenti tat-3 Sena) |
| 9 | Jum Dinji tal-Ktieb |
| 10 | Dwejra Fieldwork (Xjenza u Ġografija) għall-istudenti kollha tal-1 Sena |
| 15 | Tmiem tas-Sena Skolastika għall-istudenti tal-5 Sena<br>Dwejra Fieldwork (Xjenza u Ġografija) għall-istudenti kollha tal-1 Sena |
| 16 sat-23 | Vaganzi tal-Għid |
| 30 | Dwejra Fieldwork (Xjenza u Ġografija) għall-istudenti kollha tal-1 Sena |

| Mejju 2014 | |
|---|---|
| 1 | Vaganza Pubblika |
| 2 | Laqgħa tal-Kunsill tal-istudenti tal-Kulleġġ |
| 5 sad-9 | Job Exposure (Klassijiet 4.5, 4.6, 4.7 u 4.8) |
| 9 | Serata Letterarja tal-Kulleġġ |
| 13 | Sessjoni PD għall-għalliema (filgħaxija) |
| 15 | Tranżizzjoni (It-Tieni Parti) għall-istudenti tas-Sitt Sena Primarja |
| 16 | Festa Komunità |
| 19 | Taħdita għall-ġenituri tal-istudenti tas-Sitt Sena Primarja |
| 26 | Taħdita għall-istudenti tar-4 Sena dwar l-eżamijiet |
| 28 | Ċerimonja tat-Tqassim taċ-Ċertifikati tal-Career Exposure lill-istudenti tar-4 Sena |
| 30 | SDP għall-għalliema (il-ġurnata kollha) |



N.B. Il-programm jista' jinbidel matul is-sena skolastika skont il-ħtieġa.

# L-ATTIVITAJIET TAL-MILIED

Bħal kull sena, fi żmien il-Milied l-iskola ħejjiet diversi attivitajiet bil-qofol tagħhom jintlaħaq fl-aħħar jum qabel il-vaganzi. L-istudenti kollha pparteċipaw fil-quddies tal-Milied li saru fis-sala tal-iskola miż-żewġ diretturi spiritwali tal-iskola, Fr. Glen u Fr. Roderick. Saret ukoll il-purċissjoni tradizzjonali bil-Bambin madwar l-iskola bi ħsibijiet għal żmien il-Milied u bil-kant ta' għanjiet tal-Milied li għenu biex jidħlu aktar fl-ispirtu ta' dan iż-żmien u jagħrfu aktar it-tifsira vera tal-Milied.







Attività oħra li issa saret tradizzjoni tal-iskola f'Diċembru, hija l-pantomima li l-istudenti kollha jistennew b'ċertu ħerqa għax jafu kemm tkun rappreżentazzjoni sabiħa u pjaċevoli. Fil-fatt, fl-aħħar ġimgħa ta' Diċembru kull student ħa gost jassisti għar-rappreżentazzjoni ta' Peter Pan, il-pantomima ta' din is-sena. Imbagħad fl-aħħar jum qabel il-vaganzi l-istudenti tal-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Sena marru jaraw film f'ċinema lokali waqt li l-istudenti tar-Raba' u l-Ħames Sena tellgħu parti kbir fis-sala tal-iskola li għalih attenda DJ lokali magħruf.

Minn hawn nirringrazzjaw lil dawk kollha li taw sehemhom sabiex dawn l-attivitajiet kollha setgħu jittellgħu b'suċċess u b'hekk l-istudenti kollha jkollhom esperjenza isbaħ ta' żmien il-Milied fl-iskola.

Is-Sa C. Pisani Grixti
Assistenta Kap





## Qatt m'aħna lesti

Żmien l-eżamijiet. Żmien li fih nirsistu, nistudjaw iktar mis-soltu u naħdmu ħalli ngħaddu mill-eżamijiet.

Żmien li fih naqtgħu l-frott ta' dak kollu li nkunu ħdimna għalih flimkien mal-għalliema tagħna u sħabna l-istudenti.

Żmien li miegħu jġib xi ftit biża' għal dak li se nsibu fil-karta tal-eżami.

Mhux l-ewwel darba fi żmien l-eżamijiet waqt l-istudju tagħna, inħarsu lejn il-kalendarju u f'qalbna ngħidu: Meta se nlestu? Meta ħa jispiċċaw l-eżamijiet? Meta se jkun l-aħħar eżami ta' ħajjitna?



L-eżamijiet jgħinuna naraw kif qed nippreparaw lilna nfusna għall-ġejjieni. Kulħadd għandu l-ħolm tiegħu u aħna lkoll għandna x-xewqa li nagħmlu xi ħaġa sabiħa u ta' ġid. Flimkien qed nirsistu sabiex aħna nkunu ta' ġid għal xulxin.

L-ewwel nett, aħna mistednin li f'ħajjitna norganizzaw l-impenji tagħna. Hekk inkunu persuni li nafu kif għandna nqassmu x-xogħol, bnedmin responsabbli biżżejjed li għall-ġid tagħna u ta' ħutna l-bnedmin nagħrfu dak li huwa prijorità.

B'dal-mod nistgħu nserrħu moħħna li aħna, b'serenità, qed nippjanaw għall-ġid ta' ħajjitna u ta' dawk ta' madwarna. Qatt ma nistgħu ngħidu li aħna lesti għax kuljum huwa eżami, kuljum irridu niċċekkjaw in-noti tagħna, il-mod kif qed naħsbu u ngħixu.

Ejjew ma ninsewx li kuljum għandna bżonn inġeddu lilna nfusna għall-ġid tagħna u tal-oħrajn.

Alla qatt ma huwa lest. Il-Knisja tgħinna nirriflettu kif Alla għadu jaħdem mal-bniedem fid-dinja. Alla huwa magħna. Alla li dejjem huwa viċin u ġdid.

X'jixtieq Alla minna?

Alla jixtieq li miegħu u bħalu nkomplu nirsistu.

Jalla dejjem inkunu konxji li f'ħajjitna qatt m'aħna lesti u flimkien inkomplu nagħrfu l-bżonn li nkunu l-qaddejja ta' xulxin u ma' xulxin.

Dun Roderick Camilleri

# PETER PAN: IL-PANTOMIMA



*Sena oħra panto ġdida*
*F'sala miġburin medhija*
*Lesti kollha għal din l-isfida*
*Avventura kbira ġejja....*



Hekk beda l-kliem tal-ewwel kanzunetta tal-panto ta' din is-sena. U tabilħaqq! Kienet avventura kbira li għaddejna minnha fl-aħħar jiem tal-iskola f'Diċembru. Avventura twila wkoll, għax grupp ta' għalliema kienu ilhom xhur sħaħ jiltaqgħu biex iħejju għal dan l-avveniment annwali tal-iskola tagħna u li minn sena għall-oħra qed jikber fil-popolarità tiegħu. Però l-qofol laħaq ġmielu fl-aħħar xahrejn fejn grupp ta' madwar 50 għalliem kif ukoll 50 student ħadmu id f'id sabiex flimkien stajna noffru spettaklu mill-isbaħ lill-udjenza tagħna li minn sena għall-oħra dejjem tikber. Fil-fatt, din is-sena kellna madwar 2500 student li raw il-pantomima waqt ir-rappreżentazzjonijiet ta' filgħodu u madwar 1500 adult li għoġobhom jattendu għal dawk ta' filgħaxija. Kellna udjenza verament kbira li timliena b'aktar entużjażmu u kuraġġ għas-snin li ġejjin. Hu ta' sodisfazzjon għalina lkoll li x-xogħol tagħna qed jiġi dejjem aktar apprezzat. U dan grazzi għat-tim sħiħ tal-pantomima.



Kienet avventura li ħafna minnkom għoġobkom tgħaddu magħna għal sagħtejn u nofs sħaħ mimlija kant, żfin, daħk, xenarji, kostumi mill-isbaħ, azzjoni, effetti tas-*sound* u dawl, min itir 'l hawn u min itir 'l hemm. Fl-aħħar u mhux l-inqas nibqgħu niftakru l-karattri simpatiċissimi bħal mhuma Peter Pan, Tinkerbell, Hook u l-ispjuni tiegħu, kif ukoll id-dama ta' din is-sena Lala Yolo.

Ma baqagħli xejn ħlief li permezz ta' din il-kitba nirringrazzja lil kull min ta s-sehem tiegħu. Is-suċċess tal-Pantomima 2013 hu bla dubju mertu tagħkom ilkoll u nistedinkom iżżommu l-appuntament tagħkom magħna għal Diċembru tal-2014 għall-pantomima li jmiss għax aħna diġà bdejna nħabblu rasna fuqha!

Is-Sur K. Scicluna
Direttur

# RITRATTI VARJI TAL-PANTOMIMA TAL-MILIED



# EKOSKOLA: ĦIDMA, RIŻULTATI U RIKONOXXIMENT

L-istudenti tal-iskola San Benedittu Sekondarja Subien għat-tieni darba konsekuttiva rebħu l-bandiera l-ħadra għax-xogħol siewi li għamlu sabiex l-iskola tkun iktar sostenibbli.

Għal dawn l-aħħar sentejn skolastiċi l-iskola ħadmet sabiex tnaqqas il-konsum tal-ilma u tqajjem kuxjenza fuq il-konservazzjoni tal-ilma. Għal dan il-għan, il-kumitat tal-EkoSkola ħadem ħafna sabiex iwettaq fil-konkret il-pjanijiet li ġew maħsuba. Fost l-attivitajiet li saru tul dawn is-sentejn kien hemm:

- Iċċekkjar ta' *leakages* ta' ilma madwar l-iskola, inkużi dawk tat-*toilets;*
- Diskussjonijiet mas-Surmast sabiex jiġu rranġati dawn il-*leakages*;
- Qari tal-*meter* tal-ilma kemm qabel kif ukoll wara li saru t-tiswijiet meħtieġa;
- Attivitajiet fl-iskejjel primarji sabiex titqajjem kuxjenza mal-istudenti dwar il-konservazzjoni tal-ilma;
- *Water Week* fejn kien hemm esebizzjoni fuq il-konservazzjoni tal-ilma;
- *Thematic teaching* mill-għalliema dwar l-ilma.

Din is-sena, l-istudenti setgħu jgawdu aktar il-frott tax-xogħol li għamlu, għaliex fil-5 ta' Diċembru l-bandiera l-ħadra ġiet ippreżentata lilhom mill-Eċċelenza tiegħu, il-President ta' Malta Dr George Abela.





Saret ukoll ċelebrazzjoni fl-iskola tagħna fejn kien preżenti l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni Evarist Bartolo. Matul din l-attività, ittellgħat il-bandiera l-ħadra fuq il-bejt tal-iskola. Ġiet inawgurata wkoll plakka dwar il-ħajt tal-Imtagħli. Din il-plakka hi parti mill-proġett tal-EkoSkola ta' din is-sena bit-tema 'Tisbiħ tal-ambjent tal-iskola'.

Is-Sa R. A. Gauci
Għalliema

# FIELDWORKS TAL-ĠOGRAFIJA

Il-Ġografija huwa suġġett li jħares ħafna lejn l-ambjent ta' madwarna. Għal dan il-għan, l-istudenti tal-Ġografija bħala għażla tar-Raba' u tal-Ħames Sena ttieħdu fuq *fieldworks* fil-widien u madwar il-kosta Maltija.



L-istudenti tar-Raba' Sena marru fl-inħawi ta' Wied il-Qlejgħa, jew kif inhu magħruf aħjar, iċ-Chadwick Lakes. Hemmhekk l-istudenti għamlu analiżi tal-karatteristiċi fluvjali li ħolqot in-nixxiegħa matul iż-żmien. Fost l-oħrajn raw kif in-nixxiegħa ħaffret il-kanal tagħha mnejn tgħaddi u l-mod kif kapaċi ġġorr il-materjal magħha. Raw ukoll kif dan jinbidel skont il-qiegħ tan-nixxiegħa nnifisha, għala u fejn dan il-materjal jiġi ddepożitat tul il-kors tan-nixxiegħa. Saru wkoll kalkulazzjonijiet li wrew l-ilma bil-kemm kien għaddej qawwi. Dan sar billi rajna l-wisa' tal-kanal minn fejn għaddej l-ilma u kemm qed jiġri, kemm hu fond il-kanal u kejlu l-forma ta' qiegħ il-kanal tan-nixxiegħa. L-istudenti għamlu wkoll studju fuq kif il-bniedem qiegħed juża dan il-wied mill-aspett agrikolu u ta' rikreazzjoni.



L-istudenti tal-Ħames Sena marru fil-bajja ta' Għajn Tuffieħa fejn hemm raw il-karatteristiċi tal-kosta u l-mod kif il-bniedem qiegħed juża din il-bajja. Raw ukoll liema tipi ta' veġetazzjoni huma l-iktar dominanti, u għalfejn huma dawk il-pjanti u mhux oħrajn. L-istudenti kkalkulaw il-frekwenza tal-mewġ, kemm hu għoli, u lejn liema direzzjoni qed iġorr ir-ramel fuq il-bajja. Saru wkoll kalkulazzjonijiet sabiex juru kif it-tpendil tal-art ivarja fil-bajja minn tarf sa ieħor. Kien evidenti ħafna li l-bajja għandha użu qawwi ħafna għar-rikreazzjoni imma dan l-istess użu qiegħed jagħmel ħafna ħsara lill-bajja. Kienet ukoll evidenti li l-veġetazzjoni l-iktar komuni hija dik li mhijiex naturali għal dak l-ambjent imma speċi li ddaħħlu mill-bniedem tul is-snin.



Is-Sur V. Zammit
Għalliem tal-Ġeografija

# GĦAŻLA TAL-AĦJAR KOTBA

L-għażla tal-aħjar kotba huwa l-ewwel pass biex tiskopri l-pjaċir tal-qari. Iktar ma tmur spiss fil-librerija mat-tifel tiegħek, iktar tkabbar il-possibilità li t-tifel tiegħek jitħajjar li jieħu ktieb miegħu d-dar. Iktar ma jkollok kotba d-dar, iktar hemm ċans li ibnek jitħajjar jagħżel xi wieħed u jaqrah. Imma kif tista' tkun taf liema huma l-kotba l-aktar addattati għat-tfal tiegħek?

- Inkoraġġixxi lit-tifel biex jieħu l-ħin tiegħu sakemm jagħżel ktieb tajjeb. Ħallih fil-libertà jagħżel il-ktieb li jogħġbu l-aktar. Tinkwetax jekk il-ktieb ikun fih ftit paġni, ikun ħafif wisq jew ikollu l-istampi. L-istampi jafu jkunu ta' għajnuna biex jaqra l-ktieb.
- Ħalli lit-tifel jara hu jekk il-ktieb ikunx qiegħed jinteressah jew le. Jekk wara li jkun qara l-ewwel ftit paġni u jinduna li mhux jieħu gost jaqrah, m'għandhiex tkun problema li jagħżel ktieb ieħor. Wara kollox il-qari għandu jkun xi ħaġa li tieħu gost tagħmel u mhux xi ħaġa li ddejjaq lit-tifel .
- Jista' jkun li l-ktieb kien xi ftit diffiċli għat-tifel biex jaqrah waħdu? Inkoraġġixxi lit-tifel jimxi fuq ir-regola tal-Ħames Swaba'.
- Jekk it-tifel jibqa' jinsisti li jrid jaqra xi ħaġa li fil-fehma tiegħek hi ta' livell itqal milli jiflaħ it-tifel, poġġi ħdejh u aqrawha flimkien b'vuċi għolja. Tistgħu taqraw biċċa kull wieħed. Is-sapport tiegħek jaf ikun ta' stimolu kbir biex it-tifel ikompli jaqra u ma jaqtax qalbu.
- Jekk tkun tixtieq aktar informazzjoni u tagħrif dwar liema huma l-aktar kotba ideali għat-tifel tiegħek, żur il-librerija u fittex int stess bl-għajnuna tal-informazzjoni li ssib fuq wara tal-ktieb. Tajjeb li bħala ġenituri nħeġġu lit-tfal tagħna jmorru aktar il-librerija.

Ftakru biss li l-proċess tal-għażla tal-kotba għandha tkun esperjenza pożittiva kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri.

*KIF TUŻA R-REGOLA TAL-ĦAMES SWABA':*

1. Agħżel ktieb li taħseb li ħa jogħġbok.
2. Aqra t-tieni paġna.
3. Poġġi saba' fuq kull kelma li ma tkunx taf it-tifsira tagħha.
4. Jekk ikun hemm tal-anqas ħames kelmiet li ma tafx it-tifsira tagħhom, tkun għaqli li tbiddel l-għażla tiegħek u tfittex ktieb eħfef.

Mill-Grupp tal-SDP Promoting Literacy

# KORS DWAR IS-SAĦĦA U SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

Ħafna mill-inċidenti li jiġru fuq il-postijiet tax-xogħol, sfortunatament jiġru lil żgħażagħ li jkunu għadhom fil-bidu tal-esperjenza tagħhom. Dan minħabba li jkunu għadhom mhumiex konxji mill-perikli u l-proċeduri tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Bl-iskop li nippreparaw lill-istudenti tagħna għad-dinja tax-xogħol, din is-sena, għal darb'oħra, grupp ta' studenti mill-Ħames Sena attendew kors relatat mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.



F'dan il-kors ta' ġimgħa, l-istudenti ngħataw taħriġ dwar kif tingħata l-ewwel għajnuna, is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u t-tifi tan-nar. Il-kors kien jikkonsisti fit-teorija u l-prattika. L-istudenti ngħataw l-opportunità li jipprattikaw dak li tgħallmu dwaru. L-istudenti pparteċipaw b'interess u b'ħeġġa għal dan il-kors. Se jingħataw mhux biss ċertifikat ta' attendenza, imma wkoll ċertifikat tal-First Aid mill-Malta Red Cross.





L-għalliema tas-Saħħa u s-Sigurtà

# FOLLOWING A MASTERS DEGREE AFTER BEING AWARDED A STEPS SCHOLARSHIP



Information Technology has been the buzzword for the last years, since the huge developments in this industry have led to drastic changes in the society we live in. Being aware of the importance IT plays in the development of a country, along with the increase in demand for jobs within this sector, I opted to further my studies in the area of IT. I had the opportunity to follow a Master in Information Technology Degree at the University of Malta.




Through this part-time degree, which was based on a taught and research mode of study, I had the opportunity to select elective IT topics which are most adequate for my teaching profession needs and interests. Such topics included the understanding and implementation of computerized information processing techniques, the understanding of the phases employed in software development, the awareness about the professional, ethical and legal issues related to IT, and the use of computers in today's and future societies.

Apart from the taught study-units, I was also required to carry out a research project. Being surrounded by a large number of portable wireless devices, I decided to focus my research on the placement of wireless access points within indoor environments, particularly offices. Following various research about the standards of wireless access points and the propagation characteristics of radio waves as they travel through different media, I implemented an accurate modelling campaign which was used to simulate the propagation of radio waves as they travel within different office scenarios. Different propagation maps were generated and evaluated. A number of characteristics leading to poor or very strong signal areas were identified, allowing a person to determine the optimum placement of a wireless access point within an indoor environment.










Now that I have successfully finished my studies, I am looking forward to applying my newly-acquired knowledge to my teaching profession in the best interest of the students. Such success would not have been possible were it not for the continuous support and encouragement of my family. Moreover, I would like to acknowledge STEPS who awarded me a STEPS scholarship which was part-financed by the European Union – European Social Fund (ESF) under Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013, "*Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life*".

Ms D. Zerafa
Maths / ICT / Computing / BTEC IT Teacher





## KAĊĊA GĦALL-KELMA



Sib sitt kelmiet li juru **oġġetti li jintlibsu** u tistà tirbaħ token ta' €2 mit-tuckshop tal-iskola.

Tqattax il-paġna, imma agħmel kopja tagħha u għaddiha lis-Sa C. Pisani Grixti sat-28 ta' Frar. Mir-risposti tajbin jittellà wieħed bil-polza.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| I | N | G | R | E | Ċ | A | B |
| E | T | Ġ | L | K | Ċ | S | E |
| K | IE | A | K | D | O | F | R |
| K | Z | E | Ż | IE | N | W | I |
| A | L | I | B | S | A | A | T |
| Ġ | A | Z | U | I | Z | IE | T |
| T | Q | A | N | M | G | GĦ | A |
| A | B | IE | A | Q | I | S | Ċ |

**Bord Editorjali:**
Assistenta Kap: *C. Pisani Grixti*
Disinn: *A. Galea*
Fotografu: *D. Bezzina u V. Zammit*
Issettjar: A. Galea, *A. M. Zammit, R. Dalli*
Qari tal-Provi: *L. Deguara, W. Incorvaja*
*S. J. Polidano u C. Tanti*
Tradutturi: *D. Bezzina u P. Sacco*
Stampar: *C. Cassar*